KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 41 (kont.3)** **IS-SITT KUNSILL**

Il-wieħed u erbgħin (kont. 3) seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-**Ħamis 21 ta' Lulju, 2011** fis-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci, Julian Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.
Is-Sur Christian Vella

Is-Sindku ppresediet.

41.e. Is-Sindku resqet il-minuti għal kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

41.f. Il-Kunsillier S. Camilleru qalet li għada ma semgħetx il-*voice recorder.*

41.g. Is-Sindku qalet li l-Kunsill rega kiteb lid-Dipartiment kif miftiehem fil-laqgha tat-13 ta' Lulju 2011. Is-Sindku qalet li hi nfurmata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali li l-Kunsilliera jistgħu jisimgħu r-*recodrer.* Qalet li dan ma ngħatax bil-miktub mid-Dipartiment, izda qalet li giet infurmata li mihux kontra l-ligi ghax kien hemm qbil mill-Kunsilliera.

41.h. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace għandhom jiltaqgħu biex jisimgħu l-*voice recorder.* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Kunsilliera ma jisimgħux il-*voice recorder* waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex ma jintilifx żmien.

***Il-Kunsillier N. Gauci daħal għas-seduta fis-5.50 ta' filgħaxija***

41.i. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-minuti ma jiġux approvati f'din is-Seduta sakemm il-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace jisimgħu r-*recorder.*

41.j. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jiddiskuti issa item numru 5 cioe` Skeda ta' Pagamenti.

41.k. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**41.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

41.5.1 Tqassmet kopja tal-iskeda tal-pagamenti li kienet intbagħtet mal-Aġenda, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

41.5.2 Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-pagamenti kollha min-numru 1 sa 11 (41_13/07/2011). Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**41.3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.3.1 Is-Sindku infurmat lil Kunsill li Itaqat ma' Ufficjal mill-Ministeru ta' Austin Gatt u mas-Sur Ivan Vella mit-Transport Malta dwar is-sistema l-gdida u r-rotot tat-trasport pubbliku. Qalet li z-zweg ufficjali qalulha li l-Kunsill kien ilu nfurmat li s-servizz ta' trasport ċirkaluri kellu jitwaqqaf. Is-Sindku qalet li fil-minuti ta' April 2009 il-Kunsill kien iddiskuta l-bidla fis-sistema tat-trasport pubbliku.

41.3.1.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ghalkemm dan seta' gie diskuss il-fatt li jitwaqqaf is-servizz ta' trasport ċirkaluri qatt ma kien diskuss. Qalet li l-ewwel darba li semghet dan kien waqt laqgha tal-Kunsill li saret aktar kmieni din is-sena. Qalet li mhux se taccetta li jinghad li l-Kunsill kien infurmat li s-servizz se jieqaf u bqalet li l-Kunsill qatt ma kien infurmat li dan is-servizz ghandu jieqaf

41.3.1.2 Is-Sindku qalet li waqt il-laqgha li kellha l-Ministeru gie spjegat lilha kif ir-rotta 116 se tieħu r-rwol tas-servizz ta' transport ċirkulari li kien jipprovdi l-Kunsill. Is-Sindku qasmet pjanta bir-rotta 116 li inghatat lilha waqt l-istess laqgha. Qalet li s-servizz qaghdu mhux qiegħed jopera b'mod regolari kif ukoll mhux qed jghaddi mit-toroq ċentrali minhabba li l-karozzi tal-linja huma

wisq kbar biex jghaddu minn dawn it-toroq. Qalet li madwar sitt jew tmien xhur ohra' l-Kunsill jista' jitlob ghal karozzi izghar. Qalet li l-ufficjali prezenti ghal-laqgha nfurmawha li r-rotta 116 qeghda tghaddi mit-toroq importanti bhal Triq Rodolfu u tista tghaddi minn totoq idjeq izda jkun irid jitnehha l-parkegg. Is-Sindku qalet li ma taqbilx li jitnehha l-parkegg. Il-Kunsilliera prezenti qablu li m'ghandux jitnehha l-parkegg biex jghaddu r-rotot tas-servizz pubbliku. Kienet imqabbla Qalet li biex

41.3.1.3 Il-Kunsillier N. Gauci ġibed l-attenzjoni li f'lokalitajiet oħra bħal Belt Valletta ġew provduti karozzi tal-linja zghar.

41.3.1.4 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li ma taqbilx li l-Kunsill ghandu jistenna sitta jew tmien xhur biex ikun moqdi.

41.3.1.5 Is-Sindku qalet li din ir-rotta cirkolari diga bdiet topera u li se tkun qed tinzel ukoll sac-centru tas-sahha tal-Gzira.

41.3.1.6 Kien innutat li r-rotta 116 tieqaf zewg kantunieri l-boghod mic-centru tas-sahha.

41.3.1.7 Il-Kunsillier N. Gauci qal li l-Kunsill qiegħed jitlob għal servizz aħjar biex ir-residenti jkunu moqdijin aħjar.

41.3.1.8 Saret diskussjoni dwar il-hlas ghal biljett biex tintuza r-rotta cirkulari. Is-Sindku qalet li waqt il-laqgha taghha l-Ministeru nfurmat lill-ufficjali prezenti li s-servizz ta' transport cirkolari li kien jinghata mill-Kunsill kien b'xejn ghar-residenti. Qalet li kient infurmata li l-biljett ghall-anzjani se jkun b'rata ahjar minn ta' passigieri ohra li juzaw s-serivizz, cioe ta' Eur2.30 għal ġimgħa sħiħa mingħajr limitu ta' rotot jew inkella ta' Eur0.50c kuljum. Il-Kunsillier Cali qal li l-Kunsill ghandu jhallas il-biljett. Il-Viċi Sindku qal li hu ġie avviċinat minn diversi anzjani li huma lesti li jħallsu basta titbiddel ir-rotta għal kif kienet għax kif inhi preżenti mhix qed tilħaq lil kulħadd u dawn l-anzjani ma jistgħux joħorġu. Il-Kunsilleir Cali qal li l-Kunsill ikun qieghed jissusidja l-biljet u qal li l-Gvern ukoll jaghti sussidji. Il-Vici Sindku qal li huwa kontra l-ligi tal-UE li jinghataw sussidji.

41.3.1.9 Il-Viċi Sindku qal li l-kumpanija Arriva qegħda tikri coaches biex tagħti s-servizz. Il-Kunsill iddiskuta li ghandha tintbaghat korrispondenza lis-Sur Manuel Delia biex f'Tas-Sliema jkun hemm karozzi tal-linja iżgħar, u biex il-kumpanija Arriva tikri karozzi tal-linja zghar biex ikun jista jingħata servizz lir-resident għall-bżonnijiet personali (bħal supermarket), is-Sliema Day Care Centre u c-Centru tas-Sahha, waqt li s-Sindku ghandha tikteb dwar dan lill-~~Ministru Gatt.~~ Manuel Delia
Is-Sindku pproponiet li għandha tinforma lill-Ministru Gatt.

***Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.15 ta' filgħaxija***

41.3.2 Is-Sindku spjegat li kif kien maqbul waqt laqgha precedenti ntbaghtet korrispondenza lill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig fejn intalbet lista ta' kandidati prospettivi biex jimlew il-post ta' skrivan/a mal-

Kunsill. Is-Sindku qalet li ghandu jinhatar bord tal-ghazla. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, J. Galea u P. Pace qablu li jkunu fuq dan il-bord. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jsir *short listing* qabel ma jigu mghajjta l-kandidati għall-intervista. Il-membri tal-bord tal-ghazla qablu li se jiltaqghu biex jibdeq jevalvaw l-applikazzjonijiet biex eventwalment isir ix-*short listing.*

41.3.3 Is-Sindku resqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, fejn il-Kunsill kien qed jigi mistoqsi ghall-opinjoni tieghu dwar il-possibiilta ta' bdil fil-ħin għal *loading/unloading* filghodu Triq Bisazza, kif ukoll il-possibilta li wara nofsinhar tizdied gurnata ohra. Il-Ministeru kien qed jissugerixxi li l-hin ta' filghodu jinbidel għas-6.30. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li l-ħin għandu jinbidel ghas-7 ta' filghodu u li ma tizdiedx gurnata ohra wara nofsinhar .

**41.4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Quarterly Performance Report Jannar-Marzu 2011**

41.4.1 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni l-Quarterly Performace Report u l-Financial Indicator Report ghal perjodu Jannar-Marzu 2011, u talbet l-intervent tal-accountant tal-Kunsill, is-Sur C. Vella biex jispjega r-rapporti finanzjarji (Dok A u Dok B mehmuz)

41.4.2 Tqassmu kopja tar-rapporti li kienu diga mibghuta lill-Kunsilliera man-notifika tas-Seduta.

41.4.3 L-*accountant* tal-Kunsill ta spjega dettaljata tad-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill.

41.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa kemm baqa' flus allokati ghal Kunsill Tas-Sliema fl-*Urban Improvement Fund.* Stqasa jekk il-Kunsill ghandux informazzjoni dwar jekk dawn il-fondi ntużawx minn Ministeru ieħor għall-proġetti f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil MEPA biex jistaqsi għal *breakdown* ta' kif intefqu l-flus fl-Urban Improvement Fund. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkollu l-pjanijiet tiegħu biex infittxu napplikaw għal dawn il-fondi.

41.4.5 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministeru ghar-Riżorsi u Affarijiet Rurali biex jistaqsi għall-aktar informazzjoni dwar l-iżvilupp li hemm ipproġettat għat-tisbiħ tax-Xatt Tas-Sliema. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li importanti wkoll li l-Kunsill ikun jista' jara l-pjanti ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Ministeru.

***Il-Kunsillier M. Debono daħal għas-seduta fis-6.35 ta' filgħaxija.***

41.4.5 Is-Sur Vella qal li l-pożizzjoni tad-dħul fil-kotba tal-Kunsill hija waħda aħjar meta mqabbel mas-sena l-ohra minħabba l-fatt li l-Kunsill kien ha decizjonijiet dwar diversi invoices li kienu pendenti.

41.4.6 Ġie nnutat ukoll li l-proġett ta' Qui-si-Sana kien se jkun imhallas mil-*Urban Improvement Fund.*

41.4.7 Ġie nnutat ukoll li l-persentaġġ tal-Financial Situation Indicator (FSI) huwa ta' 8.62% u mhux ta'10%. Is-Sindku qalet li tippreferi li l-FSI ikun ta' 10%. Is-Sur Vella qal li eventwalment sal-aħħar tas-sena dan il-persentaġġ jista' jitla' ghal 10% izda dan jiddependi mill-infieq tal-Kunsill. Il-Kunsillier J. Galea qal li l-flus qegħdin hemm biex nużawhom u mhux biex jitħallew fil-kont bankarju.

41.4.8 Ġie nnutat wkoll li għad hemm kont pendenti mal-PMG għaliex il-laqgħa maghhom għada ma saritx. Is-Sur Vella innnota wkoll li ghad hemm kont pendenti mal-Velljo dwar ġbir ta' skart riċiklatt. Huwa fakkar li l-avukat tal-Kunsill kienet tat parir biex dawn il-kontijiet jibqgħu jidhru ghalissa fil-kotba tal-Kunsill.

41.4.9 Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati il-Quarterly Performace Report u l-Financial Indicator Report ghal perjodu Jannar-Marzu 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace astjenew. Il-mozzjoni ghaddiet b'erba (4) voti favur.

***Il-Kunsillier Y. Cali talab li l-laqgħa tiġi sospiża fis-6.55 ta' filgħaxija biex jitkellmu l-Kunsilliera bejniethom.***

***Il-laqgħa tkompliet bil-procedimenti tagħha fis-7.45 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsillier E. Cuschieri talab li jiġi skużat li jitlaq mis-Seduta fit-7.45 ta' filgħaxija.***

***Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fis-7.45 ta' filgħaxija.***

41.3. Komunikazzjoni mis-Sindku

41.3.4 Is-Sindku rreferit ghal item 3 fuq l-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku u qalet li kien hemm diversi korrispondenza li riedet igib ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

41.3.5 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill komunikazzjoni mill-kumpanija Outlook rigward pagament li kienu qeghdin jitolbu għal-laqgħat li kienu saru mal-Kunsilliera dwar proposti ghal progetti b'fondi mill-UE. Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza datata Jannar 2010 fejn il-Kunsill talab lill-kumpanija Outlook għar-rati ltax-xoghol. Il-Kunsillier Y. Cali qal li hu jiftakar li l-kumpanija Outlook kienu taw rati b'persentaġġ skont il-proġett. Il-Kunsillier J. Galea ikkonferma li l-laqgħat kwotati fil-korrispondenza li pprezentat is-Sindku kienu saru għaliex hu kien preżenti.

41.3.6 Il-Kunsillier M. Aquilina staqsiet dwar il-periklu li hemm fi Triq Ġafar. Il-Kunsill għandu jikteb lit-Transport Malta.

***Il-Viċi Sindku daħal lura għas-Seduta fit-8 ta' filgħaxija.***

41.3.7. Il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat biex jitlaq mis-Seduta. Staqsa jekk kienux se jiġu diskussi l-*bye laws*.

41.3.7.1 Is-Sindku qalet li ma ssib l-ebda oggezzjoni li jigu diskuss item 6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Bye Laws.

41.3.7.2 Il-Kunsillier S. Camillieri qalet li l-*bye laws* jistgħu jistennew ladarba l-Kunsill ilu biex jiddiskutihom.

41.3.7.3 Is-Sindku qalet li l-Kunsill kemm-il darba prova jiddiskuti l-*bye laws* iżda l-Kunsill kelu hafna affarijiet pendenti u ma kienx qed ilahhaq max-xoghol kollu. Qalet li l-Avukata wkoll kienet notifikata biex tattendi diversi drabi ghalxejn ghaliex il-Kunsill ghalkemm notifikat ma jiddiskutix din il-materja.

***Il-Viċi Sindku ġie skużat li jitlaq mis-Seduta fit-8.05 ta' filgħaxija.***

41.3.8 Is-Sindku resqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba ghal hlas mill-MEPA ghal Devlopment permit fee, Enivronment fee, Sewer contribution u Street contribution li jammontaw ghal Eur892.82. Qalet li dan il-hlas huwa ghall-proġett tax-xelter f'Dingli Circus Tas-Sliema.

41.3.9 Is-Sindku rreferiet għall-kopja tal-korrispondenza li permezz tagħha kienet qalet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikkomunika mal-Kunsilliera permezz tat-telefon u anke bl-email rigward l-attivita li kellha ssir b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Filarmonika Stella Maris. Dan minħabba l-fatt li waqt seduta precedenti, il-Kunsill kien qabel li jkun hemm *capping* ta' Eur1500 għall-attivita ma' kull banda f'Tas-Sliema. Is-Sindku qalet li l-ispiza ghal dan il-kuncert kienet se tammonta ghal Eur1800, cioe ta' Eur300 iktar minn kif deciz waqt il-laqgha precedenti. Qalet li kienet infurmata mis-Socjeta li jekk il-Kunsill ma jhallas din

id-differenza l-attivita ma tkunx tista' ssir. Il-Kunsillier M. Debono qal li dawn it-tip ta'deċiżjonijiet bit-telefon mhumiex in regola. Is-Sindku qalet li hi filfatt kienet ġiet infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv b'dan, iżda s-Sindku qalet ukoll li wara t-telefonati li kellha mis-Soċjeta imsemmija ma kellhiex alternattiva ħlief li tiddeċiedi li l-attivita għandha ssir għaliex dan inkella kellu jiġi kkanċellat fl-aħħar minuta u qalet li dan ma kienx se jkun ta' gid ghal Kunsill.

41.3.9.1 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li dan l-ammont ta' Eur300 għandu jitnaqqas mill-ammont tas-sena d-dieħla u b'hekk kulħadd jibqa bl-istess *capping* ta' Eur1500. Is-Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

41.3.10 F'dan l-istadju s-Sindku talbet lil Kunsill jieħu vot dwar il-komunikazzjoni għal ħlas mill-MEPA għal progett tax-xelter. Il-Kunsill ħa vot kif ġej:

Is-Sindku ipproponiet li għandu jsir il-ħlas lill-MEPA. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ivvotaw kontra. Il-mozzjoni ghaddiet b'erba (4) voti favur.

41.3.11 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza minghand il-Green MT biex il-kontenituri tal-*bring in site* fi Triq Manwel Dimech, jinbidlu ma' kontenituri izghar u dan minhabba l-fatt li l-RCV kien qed ikollu problemi biex jaccessa l-*bring in site.* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

41.3.12 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsiill li t-Transport Malta talbu li l-*bring in site* ta' Qui-si-Sana ghandha tinstabila post alternattiv minħabba li hemm *roundabout* fil-vicinanzi u dan jista' jkun ta' inkonvenjent ghat-traffiku. Il-Kunsillier Camilleri qalet li din il-bring in site hija uzata hafna mir-residenti taz-zona u li ma kinitx taqbel li din titnehha. Il-Kunsill qabel li għalissa dan is-sit għandu jibqa' fejn hu u li wara s-Sajf jinstablu post alternattiv. Il-Kunsillier Camilleri qalet li dan is-sit għandu jitbgħattal aktar ta' spiss għaliex qiegħed jintuża ħafna.

41.3.13 Il-Kunsillier S. Camilleri irreferit għat-tabelli bis-sinjali tat-toroq li hemm fi Qui Si Sana li skont il-fehma tagħha dawn qegħdin ħżiena u hemm bżonn jinbiddlu. Ġiet imressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill pjanta mibgħuta mill-Ministeru bi proposta dwar kif ghandhom ikunu s-sinjali. Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill għandu jipposponi din is-diskussjoni sakemm issir il-laqgħa li kellha ssir mat-TM dwar il-pjan holistiku tas-sistema tal-*one ways* f'Tas-Sliema.

41.3.14 Il-Kunsillier S. Camilleri staqsiet jistax ikun hemm aktar sorveljanza fi Triq it-Torri minħabba il-veloċita qawwija li qegħdin jghaddu biha l-karrozzi. Is-Sindku qalet li kienet talbet ghal speed camera waqt il-laqgħa tar-Regjun. Wara diskussjoni shiħa jekk il-Kunsill għandux jibgħat gwardjani lokali jew jaghmel

*speed ramps*, jew ukoll li tinxtara zebgha apposta, il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill ghandu jikteb lit-TM.

41.3.15 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 61/2011 dwar taħriġ tal-ICT. Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li hi interessata li tattendi diment li ma jkunx fix-xhur tas-Sajf.

41.3.16 Is-Sindku irreferiet għall-attivita tas-Soċjeta tal-Karmnu Balluta. Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku iltaqa' ma' rapprezentanti tas-Socjeta kif kien miftiehem f'wahda mil-laqghat precedenti tal-Kunsill. Saret diskussjoni dwar jekk l-attivita tas-Socjeta tal-Karmnu għandiex issir fi Ġnien Indipendenza.

41.3.16.1 Is-Sindku qalet li kienet iltaqghet mal-Assocjazzjoni li tirraprezenta r-residenti li joqghodu fi Triq it-Torri quddiem il-Gnien fejn dawn infurmawa li ma kienux kuntenti bl-ammont ta' attivitajiet li jsiru fil-Gnien. Is-Sindku qalet li wieġbet, li l-fatt li l-Ġnien huwa pubbliku ma tistax twieghed li jsiru jew ma jsirux attivitajiet la darba dawn jiġu organizzati skont ir-regolamenti.

41.3.16.2 Fir-rigward tal-attivita tal-Balluta il-Kunsillier Cali u Galea qalu li kien diga hemm qbil mill-Kunsill li l-attivta ssir fi Triq it-Torri faċċata tal-Kunvent tal-Karmnu. Intqal li fuq il-Promenade kien hemm spazju bizzejjed fejn issir din l-attivita.

41.3.16.3 Is-Sindku staqsiet jekk setax jinstab post alternattiv biex ir-residenti ma jkunux skomodati. Il-Kunsillier Galea qal li tkellem mas-Sur Martin u dan ma oggezjonax li jsiru dawn l-attivitajiet

41.3.16.4 Il-Kunsillier Cali qal li l-post ideali ghandu jkun kif diga propost mill-Kunsill cioe faċċata tal-Kunvent tal-Karmnu.

41.3.16.5 Il-Kunsill qabel ma dan b'od unanimu.

41.3.17 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza rigward talba mis-Soċjeta tal-Balluta biex issir attivita fil-25 ta' Lulju, 2011 fit-Triq Sant' Elena quddiem il-każin. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni la darba jagħlqu l-biċċa tat-Triq ta' quddiem l-każin biss kif ukoll li jżommu mar-regolamenti tal-Pulizija u li l-istorbju ma jdumx aktar mil-11 ta' bil-lejl.

41.3.18 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ghandhom ikunu diskussi l-ispejjez ghall-progett tal-UE li l-Kunsill kien ha ricentament. Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill għandu jkun infurmat x'ha tkun l-ispiza ghal Kunsill.

41.3.19 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza minghand is-Sur Vella għall-użu tal-bankina tax-Xatt (quddiem il-hanut Link Up) biex titpogga banda. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba minhabb li l-bankina tista tidjieq u tkun ta' periklu.

41.3.20 Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li kienet se ssir *cycling race* nhar l-24 ta' Lulju 2011.

**Is-seduta ntemmet fid-8.40 ta' filghaxija. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għall-10 ta' Awwissu 2011 fil-5.30pm.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ...Tlieta... 6 ... ta' ...Ottubru... 2011.
(jum) (data) (xahar)